MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 745/1994/1

**John u Pauline konjugi Muscat**

**Vs**

**Pacifico u Vitorin konjugi Bonnici;**
**U b' digriet ta' l-24 ta' Novembru 1995 Joseph Bonnici assuma l-atti minflok Vitorin Bonnici li tinsab interdetta;**
**U b' digriet tat-8 ta' Marzu 2002, il-gudizzju gie trasfuz f' isem Joseph u Lawrence ahwa Bonnici minflok Vitorin Bonnici li mietet fil-mori tal-kawza;**
**U b' digriet ta' l-24 ta' Novembru 2003, il-gudizzju gie trasfuz f' isem Anton Bonnici, Martine Bonnici, u Theresa Bonnici f' isimha proprju u bhala legittima rapprezentanti ta' bintha minuri Maria Pia Bonnici minflok Joseph Bonnici li miet fil-mori tal-kawza;**
**U b' digriet tat-28 ta' Settembru 2004, il-gudizzju gie trasfuz f' isem Lawrence u Theresa Bonnici bhala eredi ta' Pacifico Bonnici li miet fil-mori tal-kawza.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-31 ta' Mejju 1994 li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-atturi sellfu lill-konvenuti s-somma ta' elf u erba' mitt lira (Lm1400) oltre l-imghax legali bit-tmienja (8) fil-mija fis-sena skond zewg skritturi tal-21 ta' Dicembru 1989 u tas-6 ta' Gunju 1990 annessi ma' l-att tac-citazzjoni u mmarkati bhala dokument A u dokument B;

Premess illi l-konvenuti gew interpellati biex ihallsu lura lill-atturi s-somma fuq indikata pero` baqghu inadempjenti;

Talbu l-atturi, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi u dispensati mis-smigh tal-kawza a tenur ta' l-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u in vista ta' l-affidavit ta' Pauline Muscat anness ma' l-att tac-citazzjoni u mmarkat bhala dokument C, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenuti jirrifondu lill-atturi s-somma ta' Lm1400 (elf u erba' mitt lira) oltre l-imghax legali bit-8 fil-mija fis-sena mis-6 ta' Gunju 1990 ta' self ta' flus maghmula mill-atturi lill-konvenuti;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-16 ta' Mejju 1994 u tal-mandat ta' qbid numru 992/94 LF;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat id-digriet ta' l-24 ta' Gunju 1994 li bih il-konvenuti gew awtorizzati jipprezentaw fi zmien ghoxrin jum in-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fl-14 ta' Lulju 1994, li permezz taghha huma eccepew:

1. Illi fl-ewwel lok, il-konvenuti qatt ma gew notifikati legalment, imma taw ruhhom b' notifikati permezz tal-konsulent legali taghhom fl-udjenza ta' nhar il-Gimgha, 24 ta' Gunju 1994, quddiem il-Qorti. Illi ghaldaqstant, il-konvenuti jitolbu sabiex dina l-Qorti tinvestiga l-abbuz li twettaq meta fl-atti tal-kawza kien jirrizulta li huma gew notifikati meta dana qatt ma kien il-kaz, u b' hekk kieku ma kienux vigilanti setghu sofrew danni u pregudizzji;

2. Illi fit-tieni lok, il-konvenuta Vitorin Bonnici ma ghandhiex *locus standi* fil-ligi peress li hija legalment interdetta;

3. Illi fit-tielet lok, il-konvenut Pacifico Bonnici huwa zewgt il-konvenuta martu Vitorin Bonnici u jiddikjara li lanqas jaf biss min huma l-atturi konjugi Muscat, ahseb u ara kemm jaf li ghandu jaghtihom xi ammonti ta' flus;

4. Illi ghaldaqstant l-allegazzjonijiet ta' l-atturi huma foloz u infondati fil-fatt u fid-dritt, u f' kull kaz it-talbiet ta' l-atturi huma preskritti, billi ghad illi hemm riferenza ghal zewg skritturi, dawna huma illegali u nulli, minbarra li fihom diskrepanzi kbar fl-ammonti ndikati fihom u f' dawk l-ammonti li l-atturi fizzjonalment qeghdin jallegaw li ghandhom jiehdu fit-talbiet taghhom;

5. Illi l-Qorti hija mitluba biex tinvestiga l-kontenut ta' l-affidavit ta' Pauline Muscat billi dana jammonta ghall-gurament falz stante li dak li halfet l-imsemmija Pauline Muscat ma ghandu ebda bazi legali u fattwali;

6. Illi f' kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba ghall-imghaxijiet mhijiex tenibbli bil-mod kif indikata fit-talbiet attrici;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Pacifico Bonnici u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet ta' l-24 ta' Novembru 1995 li permezz tieghu l-Qorti awtorizzat lil Joseph Bonnici jassumi l-atti tal-kawza minflok Vitorin Bonnici li kienet interdetta;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' Joseph Bonnici bhala kuratur ta' Vitorin Bonnici pprezentata fl- 14 ta' Dicembru 1995 li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-eccipjenti jirreferi ghall-verbal ta' din il-Qorti fl-udjenza ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Novembru 1995, u fejn bhala kuratur ta' ommu interdetta Vitorin Bonnici, gie awtorizzat minn din il-Qorti biex jipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu, kif ghamel fis-segwenti paragrafi;

2. Illi l-eccipjenti, purche ta ruhu b' notifikat bl-atti ta' din il-kawza kif korretti, effettivament qatt ma rcieva kopja tac-citazzjoni odjerna, imma biex ma jigix interpretat li huwa b' xi mod qieghed itellef mill-progress ta' din il-kawza, li inizzjalment giet inizzjata bil-procedura maghrufa bhala tal-giljottina, huwa ottjena kopja fotostatika tac-citazzjoni odjerna u sejjer jghaddi biex jaghmel l-eccezzjonijiet tieghu fuqha, kif awtorizzat minn din il-Qorti;

3. Illi, in linea preliminari, il-konvenuta Vitorin Bonnici, li tigi omm l-eccipjent, hija persuna interdetta, u ghaldaqstant m' ghandha ebda *locus standi* fil-ligi, u ma tista' taghmel, jew ma tistax tigi mgeghla taghmel, ebda atti ta' natura civili u kummercjali billi dawn fihom infushom ikunu invalidi u nulli, u ghalhekk l-eccipjenti jissottoferma li l-uniku rapprezentant legali ta' ommu Vitorin Bonnici huwa l-istess eccipjenti u ghalhekk kull att li b' effett mit-23 ta' Gunju 1994, jista' jsir, dana ghandu jigi riferut lilu fl-indirizz residenzjali tieghu, gewwa l-Mosta stess;

4. Illi, in linea preliminari wkoll, din ic-citazzjoni hija nulla billi ma rrizultax li l-attur John Muscat b' xi mod ta l-awtorizzazzjoni tieghu biex issir din il-kawza, u prova ta'

dan huwa l-fatt li min mindu gew intavolati dawn il-proceduri nhar il-31 ta’ Mejju 1994, l-attur John Muscat la qatt deher f’ ebda udjenza quddiem dina l-Qorti, u lanqas iddepona ebda affidavit, u jidher ghalhekk li huwa totalment aljen minn din il-kawza, u kwindi, in linea preliminari, qieghed jigi eccepit in-nullita ta’ din il-kawza fuq il-bazi li l-attur John Muscat ma jidhrix li ta l-kunsens tieghu biex issir din il-kawza, u l-attrici Pauline Muscat ma setghetx f’ dak il-kaz tintavola din il-kawza wahedha, u kwindi n-nullita ta’ din ic-citazzjoni odjerna;

5. Illi fil-mertu wkoll ma huwa minnu xejn li l-atturi selfu lill-konvenuti s-somma ta’ elf u erba’ mitt lira (Lm1400) oltre l-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena, u dana fl-ewwel lok minhabba li z-zewg (2) skritturi indikati tal-21 ta’ Dicembru 1989 u tas-6 ta’ Gunju 1990, annessi mac-citazzjoni u mmarkati bhala dokument A u dokument B huma nulli kemm fil-forma, u kemm bhala kontenut, apparti mill-fatt li l-konvenuti u l-kuratur deputat nominat b’ digriet appozitu mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili qatt ma kellhom ebda relazzjoni la ta’ natura civili u lanqas kummercjali ma’ l-istess atturi indikati f’ din ic-citazzjoni odjerna;

6. Illi, in linea preliminari wkoll, din ic-citazzjoni hija nulla billi hija bbazata fuq skritturi li fihom infushom huma nulli u dak li hu null mill-bidu jibqa’ null fl-atti kollha incidentali u ancillari, konsegwenzjali u sussegwenzjali ghall-istess att null originali, u kwindi c-citazzjoni odjerna hija wkoll nulla;

7. Illi fl-affidavit ta’ l-attrici Pauline Muscat, apparti milli huwa null fil-kontenut, li jammonta ghal gurament falz, u ghaldaqstant din il-Qorti qeghda tigi formalment mitluba biex tinvestiga l-fatt li jaghtu lok ghal gurament falz li hadet l-istess attrici Pauline Muscat, u dana taht dawk il-provvedimenti kollha opportuni li dina l-istess Qorti jidhrilha xieraq li taghti u tordna;

8. Illi fil-mertu ghalhekk il-konvenuti kif ukoll il-kuratur deputat, l-eccipjent odjern, ma ghandhomx ibatu ebda forma ta’ spejjez, filwaqt li jirrizervaw li jiehdu dawk il-passi kollha legalment possibbli ghad-danni kollha

kkagunati lilhom mill-istess atturi hawn indikati, u dana minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ta’ natura preliminari li gew sollevati;

9. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess Joseph Bonnici u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat l-affidavitsipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija quddiem l-Assistenti Gudizzjarji nominati ghal dan l-iskop;

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet ipprezentati mill-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Il-meritu ta’ l-istanza prezenti jikkonsisti minn allegazzjoni ta’ self ta’ flus li l-atturi jghidu li sar minnhom lill-konvenuti skond skritturi datati 21 ta’ Dicembru 1989 u 6 ta’ Gunju 1990;

Il-pretensjoni tal-konvenuti kontra din l-azzjoni ta’ l-atturi hija artikolata f’ numru ta’ eccezzjonijiet (fol. 17), *inter alia*, illi:-

I. l-konvenuta Vitorin Bonnici ma kellhiex *locus standi* billi din giet interdetta;

II. l-konvenut Pacifico Bonnici ma kellu l-ebda xjenza ta’ dak pretiz mill-atturi u allura ma kellu jirrispondi ghall-ebda dejn;

III. f’ kull kaz it-talbiet ta’ l-atturi huma preskritti;

u IV. z-zewg skritturi huma illegali u nulli kemm ghaliex mill-kontenut ta' l-istess skritturi mhuwiex minnu li l-atturi silfuhom l-ammont ta' elf u erba' mitt lira (Lm1400) kif ukoll minhabba n-natura ta' l-imghaxijiet stabbilit fihom li jeccedu l-massimu konsentit mil-ligi;

Eccezzjonijiet konsimili gew ripetuti minn Joseph Bonnici *qua* kuratur tal-konvenuta Vitorin Bonnici (fol. 131);

Bl-iskop li jigu eliminati l-ewwel u t-tielet pretensjoni tal-konvenuti ghandu jinghad illi l-interdizzjoni tal-konvenuta Vitorin Bonnici avverat fit-23 ta' Gunju 1994 (ara atti relattivi tas-Sekond' Awla minn fol. 64 sa fol. 78, ripetuti minn fol. 87 sa fol. 101). Li jfisser allura wara l-introduzzjoni tac-citazzjoni fil-31 ta' Mejju 1994. F' kull kaz il-posizzjoni giet regolarizzata bl-assunzjoni ta' l-atti minn Joseph Bonnici (fol. 84) u bid-digriet tal-Qorti ta' l-24 ta' Novembru 1995 (fol. 103) li akkordat il-korrezzjoni mitluba;

Kwantu ghall-pretensjoni li l-azzjoni tinsab estinta bil-preskrizzjoni jrid jinghad illi skond l-Artikolu 2111 tal-Kodici Civili l-Qorti ma tistax *ex officio* taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata. "Ghalhekk, biex il-Qorti tikkonsidraha, jehtieg li tkun specifikata mill-eccipjent u mhux bizzejjed li l-eccipjent ighid li jaghti l-eccezzjoni ta' kwalunkwe preskrizzjoni ohra skond il-ligi, ghax xort' ohra l-Qorti tkun qeghda tissuplixxi ghall-parti eccipjenti f' materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizjattiva." (**Kollez. Vol. XLI P I p 168; "Francis Bugeja *nomine* -vs- Indria Mercieca"**, Appell, 29 ta' Mejju 2000);

Eliminat it-terren minn dawn iz-zewg pretensjonijiet tal-konvenuti jrid jigi osservat qabel kull konsiderazzjoni ohra illi n-natura tal-kuntratt vantat mill-atturi skond l-istess citazzjoni taghhom hu regolat mill-Artikolu 1842 tal-Kodici Civili;

Dan id-dispost tal-ligi jiddefinixxi l-*mutuum* jew self ghal konsum bhala kuntratt "li bih wahda mill-partijiet tikkunsinna lill-ohra xi kwantita` ta' hwejjeg li jintemmu bl-uzu, bl-obbligu ta' min jissellef li jrodd lil min jislef, daqshekk iehor ta' l-istess xorta u kwalita`.";

Mill-premessa tifsira li l-ligi taghti lill-kuntratt bhal dan hu ovvju illi l-attur li jitlob ir-restituzzjoni tal-hwejjeg minnu mislufa jrid jipprova l-elementi kostituttivi tal-kuntratt, u cjoe t-*traditio rei* ossija f' dan il-kaz, il-konsenja tal-flus, u, inoltre, li din il-konsenja giet effettwata b' titolu li jimporta l-obbligu fl-*accipiens* li jirrestitwixxi l-ekwivalenti tas-somma mislufa. Huwa biss meta jirrizultaw accertati dawn iz-zewg elementi tal-fatt kostituttiv tal-pretiza illi jista' jinghad illi l-attur ikun adempixxa l-oneru probatorju nkombenti fuqu;

Kif spjegat mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni b' referenza ghall-Artikolu 1813 tal-Kodici Civili Taljan (korrispondenti ghall-Artikolu 1842 tal-Kodici Civili taghna), "*la datio di una somma di denaro non vale, di per se`, a fondare la richiesta di restituzione, allorquando, ammesso la ricezione, l' accipiente contesti il titolo della consegna e, correlativamente l' obbligo di restituzione. Infatti, potendo una somma di denaro essere consegnata per varie causali, la contestazione, ad opera dell' accipiens impone, all' attore in restituzione, di dimostrare per intero il fatto costitutivo della sua pretesa; onere che si estende alla prova di un titolo giuridico implicante, appunto, l' obbligo della restituzione.*" (**Cassazione, 23 ta' April 1998, N. 4197**);

Issa ghal dak li jservi ghal kaz in ezami jirrizulta mill-provi prodotti skond l-attrici Pauline Muscat illi:-

I. Ohtha Mary Tanti hajritha tiddepozita ammont ta' flus mal-konvenuta Vitorin Bonnici, bhal ma hekk ukoll ghamlu membri ohra tal-familja taghha (ara Affidavit taghha a fol. 25);

II. Dan id-depozitu ammontanti ghal elf u erba’ mitt lira (Lm1400) hi ghamlitu lill-konvenuta permezz ta’ l-imsemmija ohtha u mhux ghax sar direttament minnha. Dan stqarritu in kontro-ezami (fol. 146 u fol. 159). Mistoqsija kif taf li l-flus ghaddew lil Vitorin Bonnici hi tghid li dan tafu ghax din irrilaxxjat taht il-firma taghha d-dokumenti relattivi (fol. 5 u 6). Dippju, tinsisti wkoll illi meta avvicinat lill-imsemmija konvenuta ghal hlas din qatt ma cahditilha li ma rcevietx il-flus (fol. 147), u anzi kienet tweghda li sejra thallasha (fol. 158);

III. L-istess attrici tghid li thajret taghmel is-self ghaliex il-konvenuta offriet imghax tajjeb ta’ ghoxrin fil-mija (20%), kif jidher mid-dokumenti (fol. 148);

IV. Mitluba tispjega d-differenza bejn l-ammont mitlub mill-atturi fic-citazzjoni u dak raffigurat fid-dokumenti, senjatament dak datat 6 ta’ Gunju 1990 a fol. 6 hi tghid li f’ din l-okkazjoni kienet ghaddiet lill-konvenuta elf lira (Lm1000). Dejjem skond hi (fol. 160) l-ammont ta’ elfejn u hames mitt lira (Lm2500) muri f’ dan id-dokument jirrispekkja l-imghax u jista’ jkun li jkopri s-somma ta’ erba mitt lira (Lm400) li kienet silfitha precedentement fil-21 ta’ Dicembru 1989 (fol. 5);

V. Importanti li jigi notat illi, dejjem skond l-istess attrici, hi qatt ma ghamlet ftehim ta’ self mal-konvenut Pacifico Bonnici (fol. 146), u lanqas qatt kellmitu dwar il-flus li silfet lil martu (fol. 147 u fol. 158);

Ix-xhud Mary Tanti, oht l-attrici, tiddikjara fl-Affidavit taghha (fol. 26) li kienet hi li hajret lill-genituri taghha u membri ohra tal-familja, fosthom lill-attrici, biex jisilfu flejjes lill-konvenuta Vitorin Bonnici kemm ghax din kienet tafha b’ mara sewwa u kienet tafdaha kif ukoll ghax din kienet regolarment tixtri l-lottu minghand zewgha u semmietilha wkoll investiment tajjeb f’ kumpanija. Fil-fatt tikkonferma illi kienet hi li ghaddiet il-flejjes mislufa minn ohtha lill-imsemmija konvenuta u li kienet hi wkoll li rredigiet id-dokumenti (fol. 5 u 6) sottoskritti pero` mill-konvenuta (fol. 163). L-istess xhud teskludi lill-konvenut

Pacifico Bonnici mill-kontrattazzjonijiet tas-self li saru u fil-fatt tammetti wkoll li lilu "qatt ma kont gharraftu b' xejn" (fol. 184);

Ix-xhieda l-ohra prodotti mill-atturi, u cjoe, Josephine Farrugia, omm l-attrici (ara Affidavit taghha a fol. 28) u Mary Farrugia, il-mara ta' hu l-attrici (Affidavit a fol. 29) ghalkemm jikkonfermaw illi huma wkoll silfu flejjes lill-konvenuta bl-istess mod bhall-attrici, ma jistghux ikunu ta' ghajnuna ghas-sostenn tad-domanda gudizzjali ta' l-atturi billi huma ma assistewx ghas-self li sar minn dawn. Dak li jista' jitqies, pero`, valevoli hu l-fatt li dawn ukoll sellfu flejjes lill-konvenuta;

Dan qed jigi rilevat in kwantu il-posizzjoni difensjonali adoperata mill-konvenuti hi arginata mill-fatt assunt mill-konvenut Pacifico Bonnici illi hu ma jaf xejn (fol. 199) u personalment ma ssellef xejn u jekk hu veru li sar self lil martu hu ma kienx responsabbli ghalih u qatt ma ta l-kunsens tieghu ghal tali self. (Ara para. 5 ta' l-Affidavit tieghu a fol. 38). L-istess konvenut, imbaghad, wiegeb ukoll b' referenza ghad-dokumenti a fol. 5 u 6 illi ma jaghrafx il-firma ta' martu fuqhom (fol. 198) izda mbaghad izid isostni li ma jafx fejn kienet l-*identity card* taghha (fol. 212). Dan jistqarru anke ibnu Joseph Bonnici (fol. 211) li ddepona wkoll illi n-numri tat-*telephone* indikati fl-istess dokumenti ma jikkorrispondux ghal dak ta' ommu (fol. 200);

Stabbiliti dawn il-fatti jrid jinghad illi certament il-Qorti mhix mghejjuna mill-fatt li l-konvenuta Vitorin Bonnici ma xehditx. Dan pero` ma jfisserx illi self ma kienx hemm jew li dan is-self ma sarx lil din il-konvenuta. Apparti dak provat mill-attrici Pauline Muscat kif sorrett mix-xhieda minnha prodotti, il-konvenuti ma jistghux jintrinceraw ruhhom wara l-fatt li din issa interdetta. Anzi l-Qorti ssib mill-istess atti processwali ta' l-interdizzjoni illi:

i. din giet riferita lill-Psikjatra wara rapporti lill-familja taghha “*that she was borrowing large amount of* money” (Ara rapport ta Dr. Peter Muscat a fol. 67);

ii. ir-rikors ghall-interdizzjoni taghha sar in bazi ghall-premessa tal-prodigalita` taghha “b’ infieq u loghob bla razan” (fol. 65);

Mill-assjem tal-provi din il-Qorti hi sodisfatta li l-konvenuta Vitorin Bonnici ssellfet flejjes minghand diversi nies fosthom, u mhux eskluz, l-atturi;

Affermat li kien hemm self u li dan sar lill-konvenuta precitata, huwa indubitat illi s-self huwa kwalifikat bhala kuntratt bi zmien. Issa d-dokumenti a fol. 5 u 6 ma jispecifikaw l-ebda zmien ghar-radd lura. Dan iz-zmien allura irid jigi supplimentat minn dak li jinsab preskritt fl-Artikolu 1078 tal-Kodici Civili li jiddisponi illi “jekk l-obbligazzjoni ghandha bhala oggett taghha l-hlas ta’ somma ta’ flus, dik ghandha tigi ezegwita fi zmien sentejn, jekk din is-somma ghandha tinghata minghajr imghax, jew, fi zmien sitt snin jekk is-somma ghandha tinghata bl-imghax.”;

Issa huwa veru illi jekk wiehed jiprospetta ghall-grazzja ta’ l-argument illi fil-kaz tas-self li sar kien hemm l-imghaxijiet allura jista’ jinghad li l-azzjoni giet intavolata qabel id-dekorriment taz-zmien imsemmi fil-precitat artikolu. F’ din l-ipotesi pero` l-Qrati taghna kostantement applikaw ghal kaz fejn l-iskadenza taz-zmien issehh waqt il-kawza t-teorija tal- “*jus superveniens*” (**Kollez. Vol. XXXI P I p 588**) u f’ dan is-sens allura jista’ jinghad li “*jus superveniens firmat actionem*”;

Fil-kaz in ezami pero` l-konvenuti jattakkaw, u bir-ragun, illi l-konvenzjoni dwar l-imghax hi kontra l-ligi f’ liema kaz din ghandha titqies nulla u l-ftehim allura jrid jigi interpretat daqs li kieku ma kien hemm l-ebda obbligazzjoni tar-radd lura tas-somma bl-imghax. Li jfisser allura f’ din l-eventwalita` illi japplika l-perjodu ta’ sentejn kif fid-

disposizzjoni jinghad ghal hlas ta' somma minghajr imghax;

Fuq din it-tema ta' l-imghax jissokta jigi osservat illi r-rata pattwita fiz-zewg dokumenti ampjament riferiti tikkostitwixxi uzura li ma hijiex permissibbli mil-ligi. Fuq dan il-punt jinsab deciz proprju illi "l-konvenzjoni affetta b' uzura hija, ghal dak li jirrigwarda l-uzura, nulla, b' mod assolut, jigifieri inezistenti, billi illecita ghaliex projbita mil-ligi, u hija illecita fir-rigward tal-mutwant ..." (**Kollez. Vol. XXXII P I p 263; Vol. XXXIX P I p 366**);

Dan premess, tibqa' l-kwestjoni kontenuta fil-pretensjoni tal-konvenuti illi l-konvenut Pacifico Bonnici ma ghandu jwiegeb ghall-ebda talba ta' l-atturi ghall-hlas lura tas-self billi hu ma kienx kompartecipi fin-negozju ta' self li sar lil martu;

Minn dak trapelat mill-provi din il-Qorti bla ebda ezitazzjoni tikkonkorda ma' din id-difiza ta' l-imsemmi konvenut u tista' tghid li hi konvinta illi ma rrizulta l-ebda immiskjar da parte tieghu fis-self, kif lanqas ma irrizultalha illi dan il-konvenut irratifika b' xi att jew komportament tieghu dan l-istess self li sar lil martu;

Indubbjament, is-self huwa att ta' amministrazzjoni straordinarja. Dan jipprecizah is-sub-paragrafu (f) tas-subincis (3) ta' l-Artikolu 1322 tal-Kodici Civili. L-istess artikolu jiddisponi pero` wkoll illi huwa eskluz bhala att ta' amministrazzjoni straordinarja "xi dejn ghall-htigijiet tal-familja skond il-paragrafu (c) ta' l-Artikolu 1327 ..." [sub-paragrafu (g)];

Issa s-subinciz (c) ta' l-Artikolu 1327 jipprovdi illi l-beni li jkunu parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jbatu bhala djun "l-ispejjez u l-obbligi, ukoll jekk isiru separatament, ghall-htigijiet tal-familja maghduda dawk ghall-edukazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied". Kif imfisser fis-sentenza fl-ismijiet "**Joseph Grech -vs- Mary Debattista *et***", Appell, 6 ta' Ottubru 2000, "it-terminu 'htigijiet tal-familja' kellu jigi

interpretat bhala bzonnijiet fis-sens wiesgha tal-kelma, skond ic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz, eskluz naturalment dak li mhux mehtieg jew kapriccjuz.";

Mill-fatti premessi ma jirrizultax illi s-self li ghamlet il-konvenuta Vitorin Bonnici kien intiz ghal htigijiet tal-familja daqskemm biex forsi jissodisfa l-vizzju taghha tal-loghob tal-lottu. Li jfisser allura illi d-dejn hekk ikkuntrattat minnha, minghajr il-kunsens jew ratifika ta' zewgha, kien wiehed personali ghaliha u allura certament ma jistax jitqies bhala parti mill-passiv tal-komunjoni ta' l-akkwisti vigenti bejnha u zewgha;

Huwa naturali illi, stabbilit il-premess, ma jsegwix, imbaghad, illi ghandu necessarjament isegwi li ghall-kaz in ispecje ghandu jsib applikabilita d-dispost ta' l-Artikolu 1329 tal-Kodici Civili, jigifieri illi l-assi tal-komunjoni jaghmlu tajjeb *in subsidium* ghalkemm biss sal-valur li l-parti debitrici jkollha mill-komunjoni ta' l-akkwisti;

Dan qed jigi rilevat in kwantu kif pacifikament ricevut "*gli effetti dell' obbligazione si regolano in ogni tempo dalla legge sotto il cui impero le obbligazioni sono nate*" (**Kollez. Vol. XX P I p 68**) u mhux dak ta' meta ghandha tigi deciza xi kontroversja relattiva jekk fl-intervall il-ligi tkun inbiddlet (**Kollez. Vol. XXIX P III p 18**);

F' dan il-kaz jirrizulta li s-self sar fl-1989 u 1990, jigifieri qabel l-introduzzjoni ta' l-Att XXI ta' l-1993 li bih iddahhal l-Artikolu 1329 imsemmi. Gjaladarba s-self maghmul lill-mara mizzewga sar minghajr il-kunsens jew l-assistenza ta' zewgha, id-dejn hekk ikkuntrattat, li ma kienx "*for the needs of the family or to supply maintenance according to law*" [Artikolu 1372 (1) kif kien skond l-Att XLVI ta' l-1973] u ghalkemm seta' jsir mill-mara mizzewga, gjaladarba l-inkapacita` taghha ta' mara mizzewga spiccat meta gew abrogati l-Artikoli 1014 u 1015 tal-Kodici Civili, eppure, kienu biss l-assi parafernali taghha li kienu jirrispondu ghal dejn bhal dan u mhux il-komunjoni ta' l-akkwisti.

Dan, lanqas, *in subsidium* ghaliex, kif inghad, din il-parti ddahlet fil-ligi, bl-Att XXI ta' l-1993, u allura wara li gie ikkuntrattat id-dejn.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi ssib lill-konvenuta Vitorin Bonnici, ossija fil-prezent l-eredi subentrati minflokha wara l-mewt taghha, responsabbli ghar-rifuzjoni lura lill-atturi tas-somma ta' elf u erba' mitt lira Maltija (Lm1400) lilha mislufa *brevi manu*, bl-imghaxijiet legali kif mitluba. Dan pero` sal-limitu ta' l-assi parafernali li kellha l-istess konvenuta. Fl-istess waqt u ghar-ragunijiet premessi l-Qorti qed tillibera lill-konvenut Pacifico Bonnici minn kull addebitu u obbligu tar-radd lura ta' l-istess somma;

L-ispejjez gudizzjarji ghandhom jitbatew mill-konvenuta imsemmija jew l-eredi li ssubentraw minflokha fil-mori tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------